# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Mejju, 2021.**

**Numru 5**

**Rikors numru 1191/14/1 LSO**

**Clare Bugeja Gafa u Julio Raul de la Borda Baylon f'isimhom u għan-nom u in rappreżentanza ta' binhom minuri Tristan-Sebastian de la Borda Bugeja, u b'digriet tat-13 ta' April 2021 Tristan-Sebastian de la Borda Bugeja assuma l-atti tal-kawza f'ismu peress li llum huwa maġġorenni**

**v.**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

1. Dan huwa appell wara kawża mibdija mill-atturi appellanti permezz ta' liema qed jitolbu li jsiru l-korrezzjonijiet neċessarji fl-atti ta' stat ċivili relattivi għall-attur Tristan-Sebastian sabiex kunjomu dejjem jiġi ndikat bħala "de la Borda" minflok "de la Borda Baylon". L-attur Julio Raul de la Borda Baylon huwa ta' nazzjonalita` Peruvjana u miż-żwieġ tiegħu mal-attriċi Clare Bugeja Gafa' twieldu f'Malta żewgt'itfal, inkluż l-attur Tristan-

Sebastian. L-atturi premettew illi skont il-kultura Ispanika ċittadin Peruvjan dejjem ikollu żewġ kunjomijiet, u ċioe` dak tal-missier u dak tal-omm iżda l-ulied jirtu biss il-kunjom tan-nannu patern. Għalhekk skont l-atturi, uliedhom kellhom jirtu biss il-kunjom "de la Borda" mingħand missierhom u mhux ukoll il-kunjom "Baylon". L-atturi jsostnu illi huma kienu ndikaw illi kunjom binhom Tristan-Sebastian huwa "de la Borda" iżda binhom xorta waħda ġie reġistrat bħala "de la Borda Baylon" mid-Dipartiment, u dan minkejja illi sussegwentement oħtu ġiet reġistrata bħala "de la Borda".

2. F'dawn il-proċeduri huma talbu għalhekk lill-ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tordna li l-konvenut jiehu konjizzjoni tal-Formula J immarkat bhala Dok. E, mehud mir-Registrazzjoni Numru 3366 tas-sena 1998 fir-Registri tal-Istat Civili dwar Atti tatTwelid u r-Registru ta' Persuni Adottati mizmum fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, fejn kunjom il-minuri Tristan-Sebastian huwa indikat bhala "de la Borda";
>
> "2. Tordna li jsiru l-opportuni korrezzjonijiet fl-atti ta' stat civili relattivi ghall-minuri Tristan-Sebastian b'dana illi f'kull att li jista' jinhariglu kunjomu dejjem jigi indikat bil-kunjom "de la Borda". Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa hu ingunt in subizzjoni."

3. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku eċċepixxa, *inter alia,* li iben il-partijet twieled Malta u l-att tat-twelid tiegħu huwa wieħed Malti u għalhekk ġie reġistrat skont ir-regoli u l-Liġijiet ta' Malta, illi l-Form J ma tapplikax għas-sitwazzjoni tal-atturi għaliex m'hemm l-ebda att ta' twelid barrani, u li fi kwalunkwe każ m'għandux jiġi soġġettat għall-ispejjeż tal-kawża.

4. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta' Jannar 2016 ġie deċiż hekk:

> "Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tilqa' t-tieni, tielet, ir-raba' u lhames eccezzjonijiet tal-intimat, tichad it-talbiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.
>
> "L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.."

5. L-atturi appellaw minn din is-sentenza permezz ta' rikors datat 17 ta' Frar 2016, u talbu lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut appellat u tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

6. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżenta r-risposta tal-appell tiegħu fid-9 ta' Marzu 2016 u ssottometta illi l-appell odjern għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

**Ikkonsidrat;**

7. L-appellanti jilmentaw illi l-ewwel Qorti naqset milli tagħti l-piż dovut lin-nazzjonalita` doppja ta' iben il-partijiet, l-attur Tristan-Sebastian, meta hija proprju din in-nazzjonalita` doppja li qed toħloq il-problemi li taw lok għal din il-kawża. Isostnu illi huwa jmur il-Peru ta' spiss sabiex iżur il-familja paterna tiegħu u fil-Peru l-kunjom de la Borda Baylon joħloq inċertezzi dwar ir-relazzjoni familjarji tiegħu ma' missieru, u dan oltre illi

hemm istanzi ta' diskrepanza bejn dokumenti uffiċjali u inkonsistenza kbira f'ħajtu. Jagħmlu referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Naged Megally v. Id-Diviżjoni Regolazzjoni Saħħa Pubblika et** fejn intqal illi fl-ordni ġuridiku Malti llum 'il ġurnata hemm ċertu ċirkostanzi fejn il-liġijiet tal-Unjoni Ewropea għandhom is-saħħa tal-liġi Maltija, u jagħmlu wkoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-ismijiet **Stefan Grunkin et v. l-Uffiċju ta' Reġistrazzjonijiet ta' Niebull** u jgħidu illi l-Qorti Ewropea ma taċċettax sitwazzjoni li fiha persuna huwa kostrett illi jindika dubbji dwar l-identita` tiegħu għaliex dan huwa ostakolu kostanti għall-istess individwu. Jargumentaw illi dakinhar li saret ir-reġistrazzjoni tat-twelid ta' Tristan-Sebastian, huma kienu ġew rassigurati illi kunjom binhom kien ser jiġi ndikat bħala "de la Borda" fuq id-dokumenti kollha tiegħu. Isostnu illi l-Formula J ma tagħmel l-ebda referenza għal reġistrazzjonijiet barranin fl-ispeċifiku u li inoltre skont il-liġi jekk kellha ssir annotazzjoni din kellha tiġi ndikata, iżda f'dan il-każ qatt ma kienet intalbet annotazzjoni. Jargumentaw ukoll illi wara li d-Dipartiment tar-Reġistru Pubbliku kien uffiċjalment irrikonoxxa lill-minuri bil-kunjom "de la Borda" mhux leċitu li unilateralment ibiddel id-dettalji fuq il-formola u jindika lill-minuri bil-kunjom "de la Borda Baylon". L-appellanti jsostnu illi l-kjarifiki mitluba minnhom iservu sabiex jiddeterminaw b'aktar ċertezza l-identita` tal-attur Tristan-Sebastian u dan fl-interess kemm tiegħu u kif ukoll ta'

terzi. Jgħidu wkoll illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tiddeċiedi dan il-każ daqs li kieku kien każ normali kkonsidrat l-eżistenza ta' nazzjonalita` doppja.

8. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jirribatti illi r-reġistrazzjoni tat-twelid tal-attur Tristan-Sebastian saret skont il-liġi Maltija u ai termini tal-Artikolu 4(3) tal-Kodiċi Ċivili ma kienx hemm lok ieħor għajr illi iben il-partijiet jieħu l-kunjom sħiħ ta' missieru. Isostni illi l-ewwel Qorti ma setgħatx tilqa' t-talbiet attriċi peress illi dawn ma jsibux bażi fil-liġi, partikolarment għaliex ma sar l-ebda żball li jista' jiġi korrett skont l-Artikolu 253(1) tal-Kodiċi Ċivili. Jargumenta illi hemm diskrepanza bejn il-kunjom tal-attur Tristan-Sebastian u oħtu Camila-Beatriz għaliex missierhom kien għamel dikjarazzjoni falza fiċ-ċertifikat ta' twelid tal-imsemmija Camila-Beatriz billi ddikjara illi kunjomu huwa "de la Borda" u mhux "de la Borda Baylon." Isostni illi l-Formula J hija irrelevanti f'dan il-każ għaliex din kienet formula li kienet tintuża qabel l-2005 f'każ li kien ikun hemm xi diskrepanza bejn il-kunjom tat-tarbija u dak tal-missier f'reġistrazzjoni ta' atti barranin, iżda fil-każ odjern ma hemm l-ebda att barrani.

9. L-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi l-atturi qed jaghmlu din il-kawza sabiex jigi korrett l-att tat-twelid ta' binhom "Tristan Sebastian de la Borda Baylon" hemm registrat biex jigi korrett u sostwit bl-isem "Tristan-Sebastian de la Borda" u dan ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili li jaghti d-dritt lil kull persuna li taghmel

talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet u registrazzjoni ta’ ismijiet fl-atti tal-istat civili.

“Clare Bugeja Gafa` xehdet b’affidavit (fol 48) fejn qalet li hi omm il-minuri Tristan Sebastian, li hija zzewget il-Peru, izda wara, gew jghixu f'Malta u binhom twieled Malta. Spjegat li peress li l-missier hu Peruvjan josservaw issistema Ispanika fil-kunjomijiet, fejn kulhadd ikollu zewg kunjomijiet maghmulin mill-ewwel kunjom tal-missier u l-ewwel kunjom tal-omm. Semmiet li meta l-minuri jigi rregistrat fil-pajjiz tal-missier dan jista’ jkollu l-problemi ghax jigi meqjus bhala hu missieru u mhux ibnu. F'pajjiz missierhom, it-tfal jigu registrati bil-kunjom "de la Borda Bugeja" u mhux "de la Borda Baylon."

“Qalet li meta marru jirregistraw lit-tifel fir-Registru Pubbliku, gie spjegat lilhom li Malta jittiehed il-kunjom tal-missier, izda, sabiex ix-xewqa taghhom tigi rispettata inharget il-Formola J. Izda, semmiet li rriskontraw problema meta riedu jaghmlu l-passaport lit-tifel, u fil-fatt, meta kkomunikaw ma’ l-ufficjal fid-Dipartiment tal-passaport qalilhom li skont ir-Registru Pubbliku, t-tifel jinghata l-kunjom tal-missier u ma setax ibiddlu.

“Julio Raul de la Borda Baylon xehed permezz ta’ affidavit (fol 53) u qal li hu missier il-minuri Tristan Sebastian, u li meta marru biex jirregistraw lil bihom firRegistru Pubbliku, kien spjega li kunjomu huwa “de la Borda Baylon” imma li spjegalhom ukoll li l-Peru ssistema hija li kulhadd ikollu zewg kunjomijiet, wiehed talmissier u l-iehor tal-omm, u kien qal lill-mara tieghu tirrepeti warajh dwar dan. Filwaqt li kunjomu huwa 'de la Borda Baylon', dak ta' missieru hu 'de la Borda Falconi' u ta' nannuh patern ' de la Borda Roncagliolo'. B'hekk spjega huwa biss il-kunjom patern, li fil-kaz odjern huwa 'de la Borda' li jigi trasmess mill-missier ghall-wild, u l-istess ghallinja materna.

“Semma li kienu spjegawlhom li Malta, il-minuri jiehu lkunjom tal-missier, u m’hawnx sistema ta’ zewg kunjomijiet ghal kulhadd (dual surnames). Spjega li fil-Peru, t-tifel jista’ jkollu l-problemi b’kunjomu kif gie registrat hawn Malta, peress li fil-Peru jindika li ommu mhix l-attrici Clare Bugeja ladarba ghandu l-kunjom Baylon imnizzel.

“Gaetano Vella xehed (fol 72-741 ) li kien Direttur tal-Passaporti sa Marzu 2015 u l-verifiki fid-Dipartament kienu jsiru permezz tas-sistema ta’ ‘common database’ CDB, li hija riflessjoni ta’ x’jigi mdahhal mir-Registru Pubbliku, imbaghad jekk klijent joggezzjona jivverifikaw direttament mar-Registru Pubbliku.

“Dr Mariella Silvo Legal Officer tar-Registru Pubbliku xehdet (fol 75-762 ) li l-Formola J a fol 47 tal-process inhareg mid-Dipartiment fl-2002, u fuqu jidher li kunjom ittifel huwa ‘de la Borda’. Semmiet li meta ntbaghtet e-mail dwar kunjom il-minuri Tristan Sebastian, min-naha tarRegistru Pubbliku, rrispondew li ladarba t-tifel twieled Malta, jiehu l-kunjom ta’ missieru u li ma setghu ibiddlu lebda kunjom, u trid issir talba lill-Qorti

dwar dan. Qalet ukoll, fir-rigward tal-formola J a fol 47 li dan ic-certifikat mhux suppost li nhareg, u din il-formola kienet tintuza fejn ikun hemm kazijiet ta' 'foreign registration', li mhux applikabbli ghall-kaz odjern peress li t-tifel twieled Malta.

"Sonia Ekezie Assistent Direttur, fir-Registru Pubbliku, xehdet permezz ta' affidavit (fol 79) u qalet li mir-ricerka li ghamlet irrizultalha, li fl-10 ta' Settembru 1998, il-genituri tal-minuri kienu marru r-Registru Pubbliku biex jirregistraw it-tarbija taghhom, u skont il-ligi Maltija huwa kellu jiehu lkunjom ta' missieru, u cjoe` "de la Borda Baylon". Qalet li f'dan il-kaz inharget il-Formola J li mhux suppost intuzat peress li l-minuri twieled Malta u din kienet intiza biss qabel l-2005 ghal 'foreign registrations' (registrazzjoni ta' cittadini Maltin li twieldu barra).

"Illi l-pubblikazzjoni ai termini tal-artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fil-5 ta' Jannar 2015 (fol 26) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-ewwel eccezzjoni.

"Fir-rigward tal-mertu tal-kaz, din il-Qorti hija fl-ewwel u qabel kollox fiddover li taccerta l-verita` tal-fatti fejn tidhol l-identita` ufficjali tal-persuna kkoncernata. Fil-kaz odjern mhuwiex ikkontestat li s-sistema Peruvjana tipprovdi ghattrasmissjoni tal-ewwel kunjom tal-missier u l-ewwel kunjom tal-omm lill-uliedhom. B'hekk ma tiddubitax mill-veracita' ta' dak li qed isostnu r-rikorrenti meta jghidu li uliedhom jigu registrati fil-Peru bil-kunjom 'de la Borda'. Teknikament ma dan ghandu jizdied 'Bugeja' li huwa l-ewwel kunjom tal-omm sabiex ikunu konsistenti mas-sistema Peruvjana.

"Lanqas tiddubita mis-sincerita' tar-rikorrenti meta juru tthassib taghhom li f'kaz li t-tifel japplika ghac-cittadinanza fil-Peru, jista' jkun hemm diskrepanzi bejn il-passaport tieghu Malti, u dak Peruvjan.

"Madanakollu huwa fatt li t-tifel twieled f'Malta, ghandu passaport Malti u r-registrazzjoni tal-att tat-twelid tieghu huwa regolat bil-Ligi Maltija. Sallum, is-sistema legali taghna tipprovdi li l-ulied jiehdu kunjom il-missier li mieghu jista' jizdied kunjom xbubit ommhom. Il-ligi taghna ma tghid xejn dwar ir-rikonoxximent ta' sistemi vigenti f'pajjizi ohra meta t-tfal jitwieldu f'Malta u lanqas dwar ir-rikonoxximent ta' uzanzi barranin. Jidher li dan huwa wkoll il-kaz fil-Peru billi mill-affidavit tar-rikorrent jirrizulta li martu kellha izzid kunjom ommha ma kunjomha biex tkun konformi marregoli taghhom hemmhekk billi l-forum tac-celebrazzjoni taz-zwieg taghhom kien il-Peru.

"Ikkunsidrat li ai termini tal-Artikolu 4(3) tal-Kodici Civili, ulied iz-zwieg jiehdu kunjom il-missier li mieghu jistghu izidu kunjom xbubit l-omm. Fil-kaz in ezami, l-minuri ha awtomatikament il-kunjom tal-missier, hekk kif id-difensuri tal-partijiet ikkonfermaw li l-kunjom tal-missier hu "de la Borda Baylon." (fol 45). Fil-kaz tat-tifla, jirrizulta li kunjom missierha kien

iskritt fuq ic-certifikat tat-twelid taghha semplicement bhala 'de la Borda' u ghalhekk hija maghrufa bdan il-kunjom b'differenz ma huha.

"Fil-kaz odjern, gie eccepit mid-Direttur intimat li l-minuri Tristan Sebastian twieled Malta. Jirrizulta minn Dok DRP 1(fol 31), li d-dikjarant kien missier it-tarbija, Julio Raul de La Borda Baylon. Per konsegwenza gie eccepit li skont il-ligi Maltija, l-minuri ghandu jiehu kunjom missieru, hekk kif ighid l-artikolu 4(3) tal-Kodici Civili fuq imsemmi. Fiddawl ta' danl-intimat jghid li mhux kontestat li jezistu regoli ohrajn fil-Peru, izda, ladarba l-minuri twieled Malta, trid tithares il-ligi ta' Malta, u ghaldaqstant, ma sar l-ebda zball da parti tad-Direttur intimat.

"Issa, fil-kaz in ezami, gie mitlub ukoll sabiex il-Qorti tiehu konjizzjoni tal-Formola J esebita a fol 47 tal-process. Irrizulta li meta l-genituri tal-minuri Tristan Sebastian marru r-Registru Pubbliku, biex jirregistraw lil binhom, nsistew mal-ufficjali hemmhekk, dwar il-kunjom tat-tarbija taghhom, u fil-fatt, imtliet il-Formola J li hija dokument ufficjali tar-Registru Pubbliku bil-kunjom "de la Borda" biss. Izda, gie eccepit li din il-Formola J ma tapplikax ghall-kaz odjern, peress li din il-formola kienet tintuza qabel l-2005 meta jkun hemm diskrepanza bejn il-kunjom tat-tarbija ma' dak tal-missier f'registrazzjonijiet ta' atti barranin. L-intimat issottometta li din il-Formola proprju ma tapplikax ghall-kaz taht ezami billi m'hemm l-ebda att barrani ladarba l-minuri Tristan-Sebastian twieled Malta. Ix-xhud Dr Mariella Silvo, Legal Officer, mad-Direttur Registru Pubbliku, kkonfermat li dan huwa dokument ufficjali li jintuza fejn ikun hemm kazijiet ta' foreign registrations, li mhux suppost li nhareg f'kaz bhal dan fejn it-tarbija twieldet Malta. (fol 75 a tergo u fol 76) u Sonia Ekezie, Assistent Direttur fir-Registru Pubbliku wkoll kkonfermat fl-affidavit taghha (fol 79) li din il-formola mhux suppost inharget f'dan il-kaz. Ghalhekk, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz in ezami, ghalkemm il-Formola J huwa dokument ufficjali, ma tistax tapplika ghall-kaz in ezami galadarba mhuwiex kaz ta' registrazzjoni ta' att esteru. Nonostante, li nhareg dan id-dokument a fol 47, jirrizulta li dan kien zball u ma jista' bl-ebda mod ibiddel il-ligi. B'konsegwenza ta' dan, il-Qorti ma tistax, b'riferenza ghall-ewwel talba attrici, tiehu konjizzjoni ta' din il-formola bhala bazi biex takkolji x-xewqat taghhom.

"Hu relevanti dak enuncjat fil-kaz "Matthew Mercieca sive Mercieca Balbi vs Direttur tar-Registru Pubbliku" deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fis-26 ta' Jannar 2011 li: "…..l-att tat-twelid ma jipprovdi mkien kolonna fejn jitnizzel kunjom it-tarbija ghas-semplici raguni li t-tarbija tiehu kunjom missierha jew ommha skont il-kaz."

"Ghaldaqstant ma jirrizulta li sar l-ebda zball fic-certifikat tattwelid tal-minuri. Anzi, li kieku kellha tintlaqa' t-talba odjerna kif maghmula, din il-Qorti tkun effettivament qed tbiddel kunjom ir-rikorrent minn 'de la Borda Baylon' ghal 'de la Borda', li proprju ma tistax taghmlu billi dan mhuwiex ikkonsentit bil-Ligi.

> "Ir-rikorrenti, tramite l-abbli difensur taghhom, issottomettew li dan ser johloq problemi fl-identita' tal-minuri u li l-interessi tieghu jesigu tali tibdil. Huma ccitaw bhala riferenza issentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz Lawrence sive Roxanne Cassar v PM (14 ta' Lulju 1995). Izda dan il-kaz kien jikkoncerna persuna transesswali li talbet li l-att tat-twelid taghha jinbidel billi jirrifletti t-tibdil fil-generu (gender) u fejn, allura, ic-certifikat tat-twelid certament ma kienx jirrifletti l-identita' taghha femminili. Fil-kaz odjern, il-Qorti ma taqbilx li l-minuri qed jirrinfaccja xi konfuzjoni fl-identita' tieghu ghaliex skont il-ligi ta' art twelidu, (Malta) huwa identifikat bhala wild iz-zewg rikorrenti.
>
> "Ikkonsidrat li kien hemm każi fejn il-Qorti awtorizzat annotazzjoni fil-margini tal-att tat-twelid (ad ezempju ssentenza "John Zammit sive Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku" - Qorti tal-Appell deċiża fit-2 ta' Marzu 1994. Izda tali annotazzjoni, apparti li ma intalbitx illum, lanqas tista' ssir ghaliex mhuwiex minnu li t-tifel huwa maghruf biss bil-kunjom 'de la Borda' billi kif jirrizulta mill-passaporti tieghu kien imnizzel bhala 'de la Borda Baylon' u sussegwentement bhala 'de la Borda Bugeja' - sitwazzjoni konfuzjonali sal-ahhar, li, fil-fehma tal-Qorti, huwa unikament dovut ghall-fatt li r-rikorrenti qed jipprovaw jakkomodaw sistema legali estranja li mhix il-ligi tal-pajjiz fejn twieled il-minuri.
>
> "Illi anke fejn il-Qrati taghna pprovaw jimmitigaw ir-rigidita formali f'kazijiet ta' tibdil ta' kunjom b'harsa lejn l-interessi tal-persuna kkoncernata, dan dan sehh f'kazijiet fejn zdiedu kunjomijiet mal-kunjom tal-missier, (normalment il-kunjom tal-omm) u mhux fejn kien hemm tibdil fil-kunjom tal-missier mhux risultanti minn zball.
>
> "In vista tas-suespost, tilqa' t-tieni, t-tielet ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet tad-Direttur intimat u tichad it-talbiet attrici."

## *Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

10. Il-Qorti tagħraf illi skont il-liġi Maltija hekk kif kienet viġenti fiż-żmien meta ngħatat is-sentenza appellata, ma kienx possibbli għal ulied ta' missier magħruf li ma jieħdux il-kunjom tal-missier jew li jirrinunzjaw għal dan il-kunjom. Fil-fatt, il-pożizzjoni legali f'dak iż-żmien kienet fis-sens illi l-att ta' twelid ma jagħtix il-kunjom lill-individwu, iżda jindika l-kunjom tal-ġenituri u dak l-individwu bil-liġi jieħu l-kunjom tal-missier, li miegħu jista'

jiżdied il-kunjom tal-omm. Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Justin John Zammit Fiorentino normalment magħruf bħala Justin Zammit Fiorentino v. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku** (PA, 30/04/2012):

> "Ic-certifikat tat-twelid ta' persuna ma jaghtix il-kumjom ta' dik il-persuna, izda ghal dak li huwa kunjom, jagħti l-kunjom ta' missier u ta' omm dik il-persuna. Huwa biss l-isem (Christian name) li jigi mogħti specifikament lill-persuna li ghaliha jirreferi c-certifikat li jkun ... u huwa proprju ghax ic-certifikat tat-twelid ma jattribwix 'kunjom' lit-tifel – it-tifel semplicement jassumi l-kunjom ta' missieru (li mieghu jista' jzid kunjom ommu) li rreferenza ghall-isem fis-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 253 hija necessarjament referenza ghall-prenom u mhux ghall-kunjom jew 'family name.''"[1]

11. Il-Qorti tkompli tosserva illi skont il-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati, talba għall-korrezzjoni fil-kunjom ta' individwu għandha tiġi trattata b'ċirkospezzjoni kbira mill-Qorti u m'għandhiex tigi faċilment milqugħa. Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Naudi v. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku** (PA, 15/10/2015)

> "Illi l-fatt wahdu li persuna jaghzel kunjom u jibda juzaha ma jfissirx li b'hekk tali ghazla bilfors ghandha tinghata rikonoxximent legali semplicement ghaliex holoq stat ta' fatt gdid u kunjom gdid. Il-flessibilita' murija mill-Qrati taghna f'cirkostanzi differenti ma joffrux, fil-fehma tal-Qorti, konfort lir-rikorrent odjern billi l-kunjom li jiztieq juza huwa dik tannanna materna b'dana li qed sahansitra jikkancella kunjom xbubi ommu li huwa 'Caruana'. Mhuwiex certament il-hsieb tal-legislatur, u lanqas tal-Qrati taghna, li jippermettu li jsiru dawn l-ghazliet a godimento mill- kunjomijiet uzati mill-antenati ta' dak li jkun."

12. Din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti illi ġaladarba l-attur Tristan-Sebastian twieled Malta u ġie reġistrat hawn Malta, ir-reġistrazzjoni tiegħu kellha ta' bilfors issegwi l-liġi Maltija. Għaldaqstant ma sar l-ebda

---

[1] Ara wkoll **Damian Damian-Schembri v. Direttur tar-Registru Pubbliku** (Appell, 16/12/2003); **Alvin Spiteri Debono v. Direttur Reġistru Pubbliku** (Maġ. (Għawdex), 21/11/2017); **Tarcisio Xriha et pro et noe v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku** (PA, 14/03/2019).

żball mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku meta l-istess attur ġie reġistrat bil-kunjom “De La Borda Baylon” peress illi dan kien il-kunjom tal-missier skont kif indikat minnu stess, u għalhekk *ex lege* ibnu ħa l-kunjom sħiħ tiegħu. Il-liġi u/jew il-kultura Peruvjana ma seta’ jkollha l-ebda impatt fuq il-kunjom li ttieħed mill-attur Tristan-Sebastian. Fil-fatt, anke llum ‘il ġurnata illi l-ġenituri jistgħu jagħżlu huma l-kunjom li għandha tuża l-familja, il-kunjom magħzul għandu xorta waħda jkun jew il-kunjom ta’ wieħed mill-ġenituri, jew il-kunjom ta’ tnejn. Fi kliem ieħor, għalkemm illum ‘il ġurnata kien ikun possibli li jiġi ndikat il-kunjom li għandu jieħu l-attur Tristan-Sebastian, l-għażla kienet tkun fis-sens illi l-kunjom ikun “De La Borda Baylon” jew “Bugeja Gafa” jew it-tnejn li huma f’ordni magħzul mill-ġenituri. Xorta waħda pero` jibqa’ mhux legalment possibbli illi l-kunjom tal-attur Tristan-Sebastian ikun “De La Borda” għaliex dan m’huwiex il-kunjom tal-missier.

13. Għalkemm il-Qorti tifhem illi l-familja paterna tal-attur Tristan-Sebastian għandhom kultura differenti f’dak li jirrigwarda l-kunjom, ir-reġistrazzjoni tal-individwi hija kwistjoni legali li trid neċessarjament issir skont il-liġi tal-pajjiż fejn tkun qed tiġi effetwata dik ir-reġistrazzjoni. Kemm id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u kif ukoll din il-Qorti jridu jsegwu dak li tipprovdi l-ligi u ma jistgħux jiddeterminaw huma metodi ta’ reġistrazzjoni ta’ persuni li m’humiex kontemplati fil-liġi. L-iktar li seta’ jsir mill-Qorti huwa li ssir annotazzjoni fis-sens illi l-attur Tristan-Sebastian huwa magħruf bil-kunjom “De La Borda.” Pero`, l-atturi naqsu milli

jressqu provi sodisfaċenti illi Tristan-Sebastian huwa magħruf bil-kunjom "de la Borda" u mhux "de la Borda Baylon". Dan minkejja l-fatt illi meta ġiet preżentata din il-kawża l-istess attur diġa` kellu sittax-il sena. F'dan ir-rispett l-atturi ressqu biss dokument wieħed, li huwa bil-lingwa Ġermaniza iżda li ma ġiex tradott għal Malti jew Ingliż, u għalhekk m'għandux piż probatorju. Anqas mill-passaporti prodotti bħala prova ma jirriżulta illi l-attur Tristan-Sebastian ilu magħruf mill-awtoritajiet bil-kunjom "de la Borda" peress illi f'wieħed minn dawn il-passaporti huwa ndikat bħala "Tristan-Sebastian De La Borda Baylon Bugeja" u fit-tnejn 'l oħra bħala "Tristan-Sebastian De La Borda Bugeja". Fl-assenza ta' prova illi l-attur Tristan-Sebastian ilu magħruf bil-kunjom "De La Borda", il-Qorti tqis illi lanqas ma huwa legalment possibbli li ssir annotazzjoni sabiex jiġi ndikat illi l-istess Tristan-Sebastian huwa magħruf bil-kunjom "De La Borda".

14. Fir-rigward tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ċitata mill-appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom, il-Qorti tirrileva illi m'hemm l-ebda liġi tal-Unjoni Ewropea illi tirregola l-kunjom li għandu jingħata lill-ulied b'mod uniformi fl-istati membri, u għalhekk l-argumenti magħmula minnhom f'dan is-sens huma infondati.

15. Dwar l-argument tal-atturi illi l-ewwel Qorti ma ħaditx suffiċjentement in konsiderazzjoni l-fatt illi dan huwa każ ta' nazzjonalita` doppja, din il-Qorti tirrileva l-ewwel nett illi l-atturi ma ressqu l-ebda prova

illi l-attur Tristan-Sebastian għandu nazzjonalita` doppja. Fil-fatt mid-diċitura tal-affidavit tal-attriċi jidher illi din in-nazzjonalita` doppja ma teżistix, ikkonsidrat illi hija tgħid "Nixtieq nispjega li **meta** t-tfal jiġu reġistrati fil-pajjiż tal-missier…**jekk** Tristan jiġi reġistrat bl-isem…" [enfażi ta' din il-Qorti]. Għalhekk fil-verita` l-Qorti m'għandhiex quddiemha każ ta' nazzjonalita` doppja kif argumentat mill-atturi. Dan apparti illi l-atturi lanqas biss imqar ressqu prova tal-liġi estera sabiex juru illi uliedhom huma intitolati li jirreġistraw bħala ċittadini tal-Peru u dwar il-mod kif kien jiġi reġistrat kunjomhom ikkonsidrat illi t-twelid tagħhom diġa` jinsab irreġistrat skont il-liġi ta' pajjiż ieħor.

16. Għaldaqstant dan l-appell qiegħed jiġi miċħud.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-atturi u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż kollha ta' dan l-appell jitħallsu mill-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm